# IL-FOND GĦALL-INNOVATURI U L-PJATTAFORMI KREATTIVI

# LINJI GWIDA U REGOLAMENTI 2025

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠA: NOVEMBRU 2025

## ALLOKAZZJONIJIET

| IL-BAĠIT TAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| **Fażi 1:**<br>EUR 50,000<br><br>**Fażi 2:**<br>EUR 50,000<br><br>**Fażi 3:**<br>EUR 600,000 | **Fażi 1:**<br>EUR 2,000 għal kull proġett<br><br>**Fażi 2:**<br>EUR 5,000 għal kull benefiċjarju. L-ammont jingħata biex jappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet u bħala programm ta' inkubazzjoni.<br><br>**Fażi 3:**<br>EUR 150,000 għal kull proġett. L-ammont jingħata għal perjodu ta' tliet snin konsekuttivi. Soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi governattivi. |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| **Fażi 1:**<br>Il-Fond jista' jkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett<br><br>**Fażi 2:**<br>Sabiex jiġu appoġġjati 100% tal-ispejjeż marbutin mal-bini tal-kapaċitajiet u bħala programm ta' inkubazzjoni<br><br>**Fażi 3:**<br>Il-Fond jista' jkopri sa 80% tal-ispejjeż totali tal-proġett | **Fażi 1:**<br>100% mal-iffirmar tal-kuntratt u mal-approvazzjoni tar-rapport finali<br><br>**Fażi 2:**<br>Tingħata għajnuna permezz ta' assistenza appoġġjata minn esperti ta' parti terza mqabbda mill-KMA<br><br>**Fażi 3:**<br>100% tal-pagament applikabbli għall-ewwel sena bħala prefinanzjament u mal-iffirmar tal-kuntratt.<br>100% tal-pagament għat-tieni sena mal-approvazzjoni tar-rapport tal-progress tal-ewwel sena u l-pjan ta' azzjoni tat-tieni sena.<br>70% tal-pagament għat-tielet sena mal-approvazzjoni tar-rapport tal-progress tat-tieni sena u l-pjan ta' azzjoni tat-tielet sena.<br>30% tal-pagament għat-tielet sena mal-approvazzjoni tar-rapport finali. |

## PERJODI TA' ŻMIEN

**Fażi 1**

| DATA TA' SKADENZA GĦALL-APPLIKAZZJONI | RIŻULTATI | TUL TA' ŻMIEN TAL-PROĠETT | PERJODU TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|---|
| 18 ta' Diċembru 2025 jew meta jintgħażlu 25 parteċipant | Fi żmien 20 jum ta' xogħol mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta | Xahrejn | 2 ta' Frar 2026 – 27 ta' Marzu 2026 |

**Fażi 2**

| RIŻULTATI | TUL TA' ŻMIEN TAL-MENTORSHIP | PERJODU TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 30 ta' April 2026 | Xahar | 01 ta' Mejju 2026 – 31 ta' Mejju 2026 |

**Fażi 3**

| DATA TA' SKADENZA GĦALL-APPLIKAZZJONI | RIŻULTATI | TUL TA' ŻMIEN TAL-PROĠETT | PERJODU TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|---|
| 30 ta' Ġunju 2026 | 30 ta' Lulju 2026 | 36 xahar | 01 ta' Awwissu 2026 – 31 ta' Lulju 2029 |

# 1. Introduzzjoni

L-istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti għall-Industriji Kulturali u Kreattivi (CCIs) tirrikonoxxi l-ħtieġa li tgħin biex jinħoloq ambjent fejn l-intrapriżi kulturali u kreattivi jistgħu jsibu appoġġ immirat biex jgħinhom jikbru b'mod sostenibbli. Il-Fond għall-Innovaturi u l-Pjattaformi Kreattivi għalhekk huwa ddisinjat biex jippromwovi l-innovazzjoni u t-tkabbir fis-Setturi Kulturali u Kreattivi (CCS).

Il-fond CIP jagħmel parti mill-isforzi kurrenti tal-KMA sabiex jippromwovi ekosistema b'saħħitha għall-operaturi tas-CCS billi jinċentivahom jinvolvu ruħhom f'inizjattivi ta' riċerka u żvilupp. Dan il-fond jirrikonoxxi l-ħtieġa fundamentali għall-kreattivi biex jinkorporaw ir-riċerka u l-iżvilupp fil-prattika tan-negozju tagħhom bħala parti essenzjali tal-istrateġija tagħhom għat-tkabbir u s-sostenibbiltà.

Il-fond jikkonsisti fi tliet fażijiet: il-finanzjament ta' avvjament, il-bini tal-kapaċitajiet, finanzjament fuq tliet snin.

### Fażi 1

- Hija miftuħa għal operaturi li jirrikjedu appoġġ ta' avvjament sabiex jirriċerkaw u jiżviluppaw l-ideat. Din il-fażi hija maħsuba biex tagħti bidu għall-innovazzjoni fi ħdan in-negozji fis-CSS fil-livelli kollha irrispettivament mil-livell ta' esperjenza tagħhom. Din il-fażi se tagħti l-ewwel 25 applikant eliġibbli somma f'daqqa ta' €2,000 bħala appoġġ ta' avvjament biex jibdew ħidma ta' riċerka li tikkontribwixxi għal innovazzjoni, prattiki mtejba u żvilupp fix-xogħol tal-applikant. L-applikanti għandhom jimlew applikazzjoni fuq is-CRM tal-KMA fejn jispjegaw l-ideat tagħhom b'mod ċar u dettaljat, u juru l-iskopijiet u l-metodi tal-proposta tar-riċerka tagħhom. Eżempji tal-metodi magħżula jistgħu jkunu ppjanar kummerċjali preliminarju, analiżi SWOT jew analiżi tal-kapaċità interna, analiżi tal-katina tal-valur, riċerka ta' qabel l-inkubazzjoni, wiri ta' innovazzjoni, riċerka dwar il-prodott, analiżi dwar is-suq u l-kompetizzjoni, fost oħrajn. L-ewwel 25 applikant eliġibbli se jingħataw xahrejn biex jaħdmu fuq ir-riċerka tagħhom u biex jadottaw il-metodi magħżula tagħhom biex jaħdmu fuq l-idea kummerċjali tagħhom. Fi tmiem dawn ix-xahrejn, l-applikanti għandhom jissottomettu rapport fuq is-CRM tal-KMA.
- Il-25 applikant eliġibbli se jingħataw għotja ta' €2,000 'l wieħed; 10 mill-applikanti eliġibbli se jintgħażlu u se jimxu għat-tieni fażi ta' dan il-fond.

### Fażi 2

- Hija miftuħa għall-applikanti li ntgħażlu fl-ewwel fażi. Din it-tieni fażi tirreferi għal programm ta' bini tal-kapaċitajiet u ta' inkubazzjoni mmirat li jagħti appoġġ lil massimu ta' għaxar benefiċjarji sabiex ikunu jistgħu jkomplu jiżviluppaw ir-riċerka u l-ideat tagħhom. Il-benefiċjarji se jintgħażlu skont proċess ta' evalwazzjoni li hija bbażata fuq il-kwalità tar-rapporti li jkunu ppreżentaw wara l-ewwel fażi. Tul it-tieni fażi, il-benefiċjarji se jkunu jistgħu jibbenifikaw mill-appoġġ ta' esperti fl-industrija sabiex

itejbu l-pjanijiet tagħhom. Fi tmiem dan il-proċess, se jiġu mistiedna biex jippreżentaw l-ideat tagħhom quddiem bord ta' evalwaturi. L-applikanti se jingħataw l-opportunità li jimxu għat-tielet fażi u li jirċievu finanzjament għal tliet snin konsekuttivi biex jappoġġaw ix-xogħol tagħhom.

Fażi 3

- Se tappoġġa erba' benefiċjarji li se jirċievu finanzjament li jkopri tliet snin ta' attivitajiet, inklużi l-ispejjeż operattivi li jikkwalifikaw.

Il-fond huwa konformi mal-impenn tal-KMA li jagħti setgħa lill-intraprendituri kulturali biex jaġixxu bħala aġenti ta' bidla u viżjunarji mgħammra b'riżorsi li huma kapaċi jiġġeneraw kapital kulturali, ekonomiku u soċjali permezz tal-attivitajiet tagħhom. Barra minn dan, permezz ta' dan il-fond, il-KMA qed ikompli jappoġġa artisti biex jistabbilixxu prattiki ekonomiċi sostenibbli.

Il-fond għandu dawn l-għanijiet:

- joħloq ambjent li jappoġġa u joħloq opportunitajiet ġodda għal negozji, organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu fis-setturi kulturali u kreattivi.
- jinċentiva operaturi kulturali u kreattivi biex jibdew proġetti innovattivi ġodda li jwasslu għal operati kummerċjali, u servizzi u prodotti kreattivi ġodda jew imtejba.
- itaffi parti mill-ispejjeż u r-riskji assoċjati mar-riċerka u l-iżvilupp.
- jinċentiva l-iżvilupp ta' kapaċitajiet tekniċi li jwasslu għal kompetittività u sostenibbiltà mtejba fi ħdan in-negozji fis-CSS.
- iżid l-opportunitajiet għal professjonalizzazzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi bil-għan li jiżviluppa kultura intraprenditorjali iżjed b'saħħitha fi ħdan ekoloġija kreattiva li kulma jmur qed issir iżjed kompetittiva u dinamika.
- joħloq ambjent fejn jistgħu jingħabru flimkien clusters ta' CCI u jikbru.

Ir-Rekwiżiti konformi mal-Istrateġija tal-KMA 2025

F'konformità mal-impenn li jappoġġa l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u affidabbli tiegħu lejn l-investiment pubbliku, il-KMA qed jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti għal dan li ġej skont l-Istrateġija 2025 tiegħu:

L-applikanti huma meħtieġa jikkunsidraw il-prinċipji li jinsabu fil-Pakkett tar-Riżorsi tal-KMA, Dritt għall-Kultura meta jiżviluppaw il-proposta tagħhom dwar kif se jinvolvu ruħhom mal-komunitajiet u kif se jqisu d-drittijiet kulturali ta' kulħadd f'xogħolhom. Il-pakkett tar-riżorsi għandu bħala għanijiet li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u li jappoġġa l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa jikkunsidraw ukoll il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u tal-programmazzjoni tagħhom sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ta' ħidma aċċettabbli u diċenti għal artisti u prattikanti kreattivi. Din il-karta tħaddan il-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent formali/informali/mhux formali ta' ħiliet,

kundizzjonijiet soċjoekonomiċi diċenti, in-nondiskriminazzjoni u l-ekwità, kunsiderazzjonijiet etiċi u l-aderanza mad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. L-għan tal-Karta għall-Istatus tal-Artist huwa li jipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika jew inizjattiva li b'mod dirett jew indirett jaffettwaw l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi. Hija tiżgura li kwalunkwe azzjoni meħuda hija konformi mal-viżjoni aħħarija fit-tul li jiġi elevat l-istatus tal-artisti f'Malta skont il-valur tanġibbli tagħhom lejn is-soċjetà.

## 2. Definizzjonijiet

Fl-ambitu ta' din is-sejħa għal proposti, japplikaw id-definizzjonijiet tat-termini li ġejjin:

### Attivitajiet li jaqgħu taħt is-settur kulturali u kreattiv:

- L-Arti (il-letteratura, l-arti viżwali, il-mużika, l-arti performattiva, l-arti interdixxiplinarja)
- Servizzi Kummerċjali Kreattivi (disinn, arkitettura, turiżmu kulturali u servizzi kulturali)
- Wirt (artiġjanat, festi u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikitajiet)
- Midja (l-istampar u materjal stampat, awdjoviżwali, inkluż il-produzzjoni ta' films u vidjows, servicing ta' films, televiżjoni, logħob vidjow, radju u midja online).

### Applikant

- Applikant jista' jkun individwu, koperattiva, entità reġistrata jew organizzazzjoni li l-attività ewlenija tagħha tagħmel parti mis-setturi kulturali u kreattivi. Applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew ikunu involuti fl-immaniġġjar tal-Fond għall-Innovaturi u l-Pjattaformi Kreattivi.

### Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni li jagħmel applikant eliġibbli li tinkludi d-dokumenti kollha neċessarji u kwalunkwe anness mal-formola tal-applikazzjoni.

### Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa dak li se jirċievi l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proposta appoġġjata minn dan il-fond. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul il-perjodu tal-proġett iffinanzjat u/jew meta jkun qed jipprogressa fit-tlett fażijiet tal-fond sa ma jinħareġ iż-żborżament finali. Iż-żborżament tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f'isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju.

### Bini tal-kapaċitajiet u programm ta' inkubazzjoni

- Sessjonijiet dedikati u mmirati li jwasslu għal titjib tanġibbli fl-operati, servizzi u prodotti ta' operaturi kulturali. Il-valur massimu tal-programm huwa ta' €50,000.

### Koperattivi

- Il-koperattivi jridu jkunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal iktar informazzjoni, żur https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

### Industriji Kulturali u Kreattivi (CCIs)

- Is-setturi ekonomiċi bbażati fuq kreattività, ħiliet u talent individwali u kollettivi li jistgħu joħolqu ġid u opportunitajiet ta' xogħol, kif ukoll proprjetà intellettwali bl-aħjar mod. Is-sottosetturi li ġejjin huma oqsma eliġibbli taħt dan il-fond: l-arkitettura, l-awdjoviżiv, id-disinn, l-arti performattiva (individwalment jew kollettivament), l-istampar, l-arti viżwali, l-artiġjanat, l-iżvilupp ta' logħob vidjow u l-mużika.

### Żborż ta' Fondi

- L-għotja tingħata skont kif hemm indikat fil-paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Il-pagament jinħareġ permezz ta' ċekk f'isem l-applikant. L-applikant irid ikollu kont bankarju attiv meta jissottometti l-applikazzjoni.

### Eliġibbiltà

- L-applikazzjonijiet l-ewwel se jiġu eżaminati f'termini ta' eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-maniġers tal-programm. Proposti li ma jitqisux eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti mhux se jkomplu jiġu pproċessati u mhux se jiġu evalwati.

### Evalwazzjoni

- Applikazzjonijiet meqjusin bħala konformi u eliġibbli jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida mill-evalwaturi maħtura.

### Evalwaturi

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta' evalwazzjoni għall-fond. Il-Kunsill għall-Arti jista' jaħtar kemm professjonisti lokali kif ukoll professjonisti barranin fis-settur tal-kultura u l-arti.

### Inkubatur

- Organizzazzjoni maħsuba biex taċċellera t-tkabbir u s-suċċess tal-ħidmiet intraprenditorjali permezz ta' firxa ta' riżorsi ta' appoġġ u servizzi għan-negozji. Dawn jistgħu jinkludu riżorsi u servizzi għal spazji fiżiċi, kapital, coaching, servizzi komuni u konnessjonijiet ta' networking.

### Individwu

- Individwi li japplikaw għal għotja għandhom inkunu ċittadini Maltin, jew ikollhom permess ta' residenza Maltija, jew ikollhom ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew ikollhom passaport Malti.

### Innovazzjoni

- Fl-ambitu tal-Fond għall-Innovaturi u l-Pjattaformi Kreattivi, l-innovazzjoni hija l-iżvilupp ta' ideat, prattiki, prodotti jew metodi ġodda fejn dawn qatt ma ntużaw qabel.
    - Innovazzjoni ta' prodott hija l-introduzzjoni ta' attività ġdida jew imtejba b'mod sinifikanti.

- Innovazzjoni ta' proċess hija l-implimentazzjoni ta' prattika(i) ta' produzzjoni, ta' proċess, metodu ta' distribuzzjoni jew attività ta' appoġġ ġdida jew imtejba b'mod sinifikanti.

### Maniġment u Amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli għall-immaniġġjar ta' dan il-programm. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluż is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet online, għandha tintbagħat fl-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

### Dokumentazzjoni mandatorja

- Kwalunkwe dokument meħtieġ biex tappoġġa l-proposta tiegħek u tgħin fl-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (pereżempju rekords ta' prestazzjoni, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi jew oħrajn); jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 5.1 ta' dawn il-linji gwida għal lista ta' dokumenti mandatorji.

### Finanzjament Massimu

- Hemm limitu massimu ta' €2,000 għal kull proġett li jiġi allokat fl-ewwel fażi. Hemm limitu massimu ta' €5,000 għal kull benefiċjarju li jiġi investit fit-tieni fażi, u limitu massimu ta' €150,000 għal kull proġett li jiġi allokat fit-tielet fażi. Il-limitu massimu jiġi deċiż skont il-każ skont il-proġett.

### Pjattaforma

- Tirreferi għall-benefiċjarju ta' dan il-fond li jista' jkun cluster, fondazzjoni, assoċjazzjoni, inkubatur, ċentru għas-servizzi maqsuma, konsorzju jew kollaborazzjoni formali bejn promotturi mis-settur li jipprovdu servizzi lil impriżi speċifikament fl-industriji kreattivi u kulturali. It-tali pjattaformi tipikament iwettqu attivitajiet li jappoġġjaw l-iżvilupp u t-tkabbir kollettiv ta' impriżi f'settur speċifiku. Tali attivitajiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal promozzjoni, servizzi ta' żvilupp kummerċjali, opportunitajiet ta' networking u opportunitajiet parteċipatorji, ġbir ta' informazzjoni, l-istabbiliment ta' standards fl-industrija u l-promozzjoni tal-interessi kummerċjali ta' settur speċifiku. L-għan ġenerali għandu jkun li jinkisbu għanijiet komuni li huma mistennija li jappoġġjaw it-tkabbir, il-kreattività, l-innovazzjoni, u l-iżvilupp tal-membri li qed jiġu rrappreżentati.

### Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- Entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti li jinkludu Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, l-Ispazju Internazzjonali tal-Arti Kontemporanja ta' Malta, Festivals Malta, u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

### Entitajiet reġistrati

- Entità legalment stabbilita u rreġistrata f'Malta. L-entitajiet reġistrati għandhom ikunu rreġistrati mar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta skont ir-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji fil-każ ta' kumpanija jew sħubija, u skont il-Kodiċi Ċivili fil-każ ta' fondazzjoni

u organizzazzjoni/assoċjazzjoni. L-entitajiet eliġibbli għandhom ikunu attivi fl-industriji kulturali u kreattivi.

- Kumpanija u/jew sħubija hija persuna ġuridika legalment irreġistrata f'Malta bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata, sħubija 'en Commandite' jew li tistabbilixxi qasam jew post ta' negozju f'Malta taħt Parti XI Kapitlu 1 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta), u li l-attività prinċipali tagħha tagħmel parti mis-setturi kulturali u kreattivi, u hija residenti tat-taxxa f'Malta. Titqies bħala indipendenti jekk l-oriġinijiet tagħha huma indipendenti mill-istat jew minn entitajiet pubbliċi u/jew parastatali. L-istokks u l-ishma tal-entità jistgħu ma jkunux jappartjenu lill-istat, lil entitajiet pubbliċi u/jew parastatali, u lil organizzazzjonijiet pubbliċi u privati.
- Organizzazzjoni/Assoċjazzjoni hija organizzazzjoni bbażata fuq sħubiji li tippromwovi l-bini tal-kapaċitajiet u l-interessi kummerċjali ta' settur speċifiku. Assoċjazzjoni għandha tkun irreġistrata mar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta. L-iskop tal-Assoċjazzjonijiet huwa li jiksbu għanijiet komuni li huma mistennija li jappoġġjaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-impriżi membri tagħhom.
  L-Assoċjazzjonijiet Kummerċjali għandhom ikollhom:
  i. Miri speċifiċi li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp tas-settur rilevanti.
  ii. Politika ta' sħubija miftuħa li tippermetti lill-entitajiet kollha fis-settur rilevanti biex isiru membri.

## Impriża Unika

- Tinkludi l-intrapriżi kollha li għandhom tal-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin ma' xulxin:
  a. Impriża waħda li għandha maġġoranza ta' azzjonisti jew membri bi dritt għall-vot f'impriża oħra;
  b. Impriża waħda li għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, superviżorju jew tal-maniġment ta' impriża oħra;
  c. Impriża waħda li għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt fis-seħħ bejnha u dik l-impriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum tagħha jew fl-artikli ta' assoċjazzjoni tagħha;
  d. Impriża waħda, li hija azzjonista f'impriża oħra jew membru tagħha, li għandha l-kontroll uniku, skont ftehim ma' azzjonisti oħra ta' dik l-impriża jew membri tagħha, tal-maġġoranza ta' azzjonisti jew drittijiet tal-vot tal-membri f'dik l-impriża.

Impriżi li għandhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar jitqiesu bħala impriża unika.

## Impriża

- Impriża hija definita bħala entità li teżerċita attività ekonomika fi ħdan l-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri, kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u servizzi fis-suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi għalkollox fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni ta' regoli ta' għajnuna mill-istat ma tiddependix fuq jekk l-entità hijiex imwaqqfa biex tiġġenera qligħ. Entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll joffru prodotti u servizzi f'suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet mingħajr skop

ta' qligħ jibqgħu barra mill-ambitu ta' għajnuna mill-istat. Barra minn dan, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża dejjem hija relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll dawk mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fl-ewwel rigward.

### Organizzazzjoni Volontarja

- Organizzazzjoni li hija legalment stabbilita u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u li għandha statut. Organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji skont ir-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap 492 tal-Liġijiet ta' Malta) (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant legalment awtorizzat tal-organizzazzjoni.

## 3. Eliġibbiltà

Il-proposti se jiġu eżaminati f'termini ta' eliġibbiltà teknika u artistika. Proposti ineliġibbli skont il-punti t'hawn taħt ma jibqgħux jiġu pproċessati u ma jiġux evalwati.

**Il-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' Fażi 1 huwa ta' xahrejn.**
**Il-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' Fażi 2 huwa ta' xahar.**
**Il-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' Fażi 3 huwa ta' 36 xahar.**

### 3.1. Min jista' japplika?

L-iskema tappoġġa proposti li l-għan tagħhom hu li jkattru l-iżvilupp artistiku, irawmu l-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni, jinvolvu u jiżviluppaw l-udjenzi u jattiraw lil udjenzi ġodda filwaqt li joħolqu esperjenzi ġodda bbażati fuq prinċipji ta' eċċellenza. Din l-iskema tinkoraġġixxi wkoll proġetti bbażati fuq il-komunità.

L-iskema ta' għajnuna mill-istat hija disponibbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fi ħdan l-Artiklu 107 TFUE li għaliha se tingħata assistenza skont ir-Regolament *de minimis*. Jekk jogħġbok, irreferi għat-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni.

Barra minn dan, l-applikanti għandhom jikkwalifikaw skont wieħed minn dawn ir-rekwiżiti:

- Professjonisti kreattivi / artisti individwali
- Entitajiet irreġistrati mar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta (inkluż kumpaniji, sħubiji, fondazzjonijiet, u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet)
- Gruppi, kollettivi u konsorzja
- Koperattivi reġistrati
- Organizzazzjonijiet volontarji rreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u li jwettqu attività ekonomika skont l-Artikolu 107 TFUE.

Barra minn dan, sabiex jitqiesu eliġibbli li japplikaw, l-applikanti jridu jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet:

i. L-applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni kompluta sad-data ta' skadenza msemmija fuq il-paġna 3.
ii. L-applikanti interessati fil-Fażi 2 u fil-Fażi 3 għandhom jibdew il-proċess tagħhom u jissottomettu applikazzjoni għal Fażi 1. Il-fond mhux se jkun qed jaċċetta applikanti ġodda fil-Fażi 2 u fil-Fażi 3.
iii. L-applikanti għandhom jipproponu attivitajiet li jaqgħu b'mod ċar fl-ambitu tar-Riċerka u l-Iżvilupp u li għandhom il-potenzjal li jwasslu għal żviluppi strateġikament importanti fil-prattika u fin-negozju tal-applikant.

## 3.2. Min ma jistax japplika?

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli biex japplikaw:

- Applikanti/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali skont line-votes stabbiliti mill-gvern.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx skont id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema speċifika.
- Applikanti li l-profil tagħhom mhuwiex verifikat għaliex jitqies bħala mhux komplut peress li ma jkollhomx dawn id-dokumenti mandatorji:
  - kopja tal-karta tal-identità Maltija tagħhom (inkluż kopja tan-naħa ta' quddiem u ta' wara), jew tal-permess ta' residenza Maltija tagħhom, jew taċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija tagħhom, jew tal-passaport Malti tagħhom;
  - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Benefiċjarji li ma ssottomettewx jew ma mlewx tal-inqas rapport finali wieħed relatat ma' għotja oħra fil-passat li kienet iffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fiż-żmien stabbilit.
- Benefiċjarji li m'onorawx impenji preċedenti ta' finanzjament.
- Fil-każ ta' entitajiet reġistrati, entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali meħtieġa lir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta.
- Fil-każ tat-tieni u tat-tielet fażijiet, applikanti li ma ssottomettewx applikazzjoni taħt l-ewwel fażi jew applikanti li l-applikazzjoni tagħhom ma ġietx approvata fl-ewwel fażi.
- Fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji li:
  - mhumiex iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - m'għandhomx indirizz irreġistrat fil-gżejjer Maltin.

### 3.3. Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?

**Fażi 1** ta' dan il-fond tkopri somma f'daqqa ta' €2,000 għal kull proġett għall-ewwel ħamsa u għoxrin (25) applikazzjoni eliġibbli.

L-għotja se tappoġġa kwalunkwe waħda minn dawn l-attivitajiet li ġejjin, jew attivitajiet simili li huma konformi mal-għanijiet ta' dan il-fond:

a. Analiżi SWOT
b. Analiżi ta' nuqqasijiet fil-ħiliet
c. Valutazzjoni komparattiva tal-portafoll (il-portafoll imqabbel mal-ħtiġijiet tas-suq)
d. Rendikonti, immappjar ta' riżorsi u ta' valur, wiri ta' innovazzjoni u l-qafas tal-mistoqsijiet Għala, Kif, Xiex (*Golden Circle*)
e. Immappjar tal-industrija u l-ekosistema
f. Analiżi tax-xejriet fis-suq (bidliet kulturali, teknoloġiċi, ambjentali u fil-politika li qed jaffettwaw is-settur tiegħek)
g. Analiżi tal-katina tal-valur
h. Riċerka dwar il-klijenti u l-udjenza li tinkludi analiżi dwar il-klijenti tal-kompetituri
i. Stħarriġ u gruppi fokali
j. Analiżi dwar il-kompetizzjoni
k. Pjan tal-bejgħ u strateġiji
l. Awditu fuq is-sostenibbiltà u l-lonġevità
m. Valutazzjoni tal-impatt soċjali – l-inklussività, kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol, sensittività kulturali
n. Perkorsi ta' ċertifikazzjoni – B Corp, Fair Trade, FSC, Creative Climate Leadership
o. Analiżi tal-fattibbiltà tal-prodott jew tas-servizz
p. Immappjar tar-riskji
q. Riċerka dwar il-potenzjal ta' skalabbiltà

**Fażi 2** ta' dan il-fond se tipprovdi appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet u l-programm ta' inkubazzjoni lill-għaxar (10) applikazzjonijiet li jgħaddu mill-ewwel fażi. Dan l-appoġġ se jinkludi taħriġ u attivitajiet ta' żvilupp li l-għan tagħhom huwa li jibnu l-kapaċitajiet biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ideat li saret riċerka fuqhom fl-ewwel fażi.

Tingħata aktar informazzjoni fuq din il-fażi wara li tintbagħat in-notifika tar-riżultat fi tmiem l-ewwel fażi.

**Fażi 3** ta' dan il-fond se tipprovdi għotja li tista' tkopri sa 80% tal-ispejjeż totali sa massimu ta' €50,000 kull sena għal perjodu ta' tliet snin konsekuttivi, għal kull benefiċjarju (skont liem hu l-inqas), soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi governattivi.

Dawn huma l-ispejjeż eliġibbli:

- kiri tal-ispazji
- ħlasijiet professjonali
- spejjeż operattivi
- taħriġ u żvilupp ta' membri attivi fl-organizzazzjoni

- żvilupp kummerċjali (riċerka tas-suq, bejgħ, ittestjar, ħlasijiet jew pagi għar-riżorsi umani u spejjeż amministrattivi).

L-ispejjeż eliġibbli għal Fażi 3 jistgħu jiġu riveduti meta tinfetaħ is-sejħa għal applikazzjonijiet.

Għal aktar tagħrif dwar kif tippreżenta l-baġit tiegħek, jekk jogħġbok irreferi għal-Linji Gwida tal-Baġit Ġenerali li jinsabu hawn: https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

### 3.4. Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Baġits li jaqbżu 80% tan-nefqa tal-proġett (fil-każ tat-3 fażi)
- Kontribuzzjonijiet in natura li jaqbżu 15% tan-nefqa totali
- Spejjeż diġà koperti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew programm/skema ieħor/oħra ta' finanzjament pubbliku mmaniġġjat jew ikkomaniġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-gvern jew ministeru ieħor
- Spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u diġà koperti minn għotja oħra tal-Gvern ta' Malta
- Spejjeż li diġà huma koperti permezz tal-baġits operattivi tas-soltu (spazju li jappartjeni lill-applikant jew lill-imsieħeb/ organizzazzjoni ta' appoġġ/ individwu)
- Dejn u ħlasijiet ta' servizz ta' dejn
- Debitu dubjuż
- Telf fuq il-kambju
- Nfiq meqjus bħala eċċessiv jew bi traskuraġni
- Spejjeż għal servizzi pprovduti minn entitajiet pubbliċi oħrajn, minn dipartiment tal-gvern, jew ministeru
- Finanzjament għall-ħolqien jew żamma ta' konkorsi, boroż ta' studju, premji jew scholarships
- Interess dovut
- Proviżjonijiet għal telf jew debiti
- VAT rekuperabbli, fejn applikabbli
- Spejjeż retroattivi
- Ritorn fuq il-kapital
- Sussitenza, catering, u ospitalità

### 3.5. Liem applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

Dawn l-attivitajiet **mhumiex** eliġibbli għal dan il-fond:

- Attivitajiet ta' natura intrinsikament awtosuffiċjenti
- Attivitajiet li mhumiex relatati direttament mal-kultura, mal-arti u mal-industriji kreattivi
- Attivitajiet li l-għan tagħhom hu l-ġbir ta' fondi jew il-propoganda politika
- Applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-ħolqien jew żamma ta' konkorsi, boroż ta' studju, premji jew scholarships
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) fid-data rispettiva tal-iskadenza
- Applikazzjonijiet sottomessi minn entitajiet pubbliċi b'voti tal-partit jew mingħajrhom

- Spejjeż għal attivitajiet u festi tradizzjonali
- Avvenimenti li jsiru regolarment inkluż xows annwali jew tal-iskola, programmi regolari ta' taħriġ, u/jew avvenimenti ripetuti
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għaċ-checklist tal-applikazzjoni fit-taqsima 5.1)
- Moduli individwali kkreditati bħala parti minn kors edukattiv, jew riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Boroż ta' Studju tal-Arti ta' Malta, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat b'riżq l-arti/kultura Maltija
- Proġetti li jkunu diġà bdew u/jew seħħew qabel mal-applikant(i) jiġi(u) mgħarraf/mgħarrfa bir-riżultat
- Proġetti li t-tul ta' żmien tagħhom ma jaqax għalkollox fil-perjodu ta' żmien eliġibbli

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra mill-ambitu tal-*Fond għall-Innovaturi u l-Pjattaformi Kreattivi* mhuwiex eliġibbli għal appoġġ.

Applikanti jistgħu jissottomettu applikazzjoni waħda biss taħt Fażi 1.
Il-Fażijiet 2 u 3 huma ristretti għall-applikanti li jintgħażlu fil-Fażi 1.

# 4. Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dawn il-kriterji:

## 4.1. Fażi 1

- L-applikazzjoni tinkludi idea ta' riċerka u żvilupp definita b'mod ċar? (Iva jew Le)
- L-idea proposta tipproponi innovazzjoni u prattiki mtejba fi ħdan is-settur kulturali u kreattiv u/jew fil-prattika tal-applikant? (Iva jew Le)
- Il-proposta tispjega l-metodi li se jiġu adottati għat-twettiq tal-eżerċizzju tar-riċerka u l-iżvilupp? (Iva jew Le)
- L-applikant juri l-kapaċità li jwettaq l-eżerċizzju propost tar-riċerka u l-iżvilupp? (Iva jew Le)

L-applikanti jeħtieġu risposti fl-affirmattiv għall-mistoqsijiet kollha fuq imsemmija biex jiġu kkunsidrati.

L-ewwel 25 applikant biss se jiġu aċċettati.

## 4.2. Fażi 2

- Ir-rapport sottomess wara Fażi 1 huwa ċar u jirrifletti l-proposta oriġinali. Jipprovdi wkoll analiżi sempliċi tal-proċessi, il-metodi, l-isfidi u l-kisbiet tal-eżerċizzju mwettaq fil-Fażi 1. (40 marka)
- Ir-rapport u x-xogħol li twettaq fil-Fażi 1 juru grad ta' innovazzjoni u evalwazzjoni soda tar-riskju u l-fattibbiltà. (Ara d-definizzjoni tal-innovazzjoni fit-Taqsima 2 iktar 'il fuq). (40 marka)

- X'inhu l-potenzjal għal żvilupp u tkabbir għall-applikanti u/jew l-organizzazzjonijiet tagħhom wara l-implimentazzjoni tal-eżerċizzju tar-Riċerka u l-Iżvilupp tagħhom? (20 marka)

L-applikanti jridu jiksbu marka minima ta' 60 marka biex jiġu kkunsidrati għall-fażi li jmiss. L-ewwel għaxar applikanti bl-ogħla marki biss jgħaddu għat-tielet u l-aħħar fażi.

### 4.3. Fażi 3

Wara sessjoni ta' preżentazzjoni, l-applikanti se jiġu evalwati fuq dawn il-kriterji:

- L-oriġinalità, in-novità u r-rilevanza tal-kunċett għas-CCS u għas-suq. Il-proġett jegħleb il-limitazzjonijiet jew jintroduċi mudelli, servizzi jew prattiki ġodda? (30 marka)
- L-impatt kulturali, soċjali u ekonomiku. Il-proġett kif se jibbenifika s-settur, il-komunità jew l-udjenza? (30 marka)
- Is-sostenibbiltà, il-vijabbiltà, l-iskalabbiltà u l-ippjanar strateġiku. Il-proġett huwa magħmul biex idum u jikber? (20 marka)
- Baġit ċar, kosteffettività u strateġija ta' finanzjament. Il-pjan finanzjarju huwa realistiku u allinjat mal-għanijiet tal-proġett?

L-applikanti jridu jiksbu marka minima ta' 60 marka biex jiġu kkunsidrati għall-fażi li jmiss. Massimu ta' 4 applikanti se jiġu ffinanzjati wara dan iċ-ċiklu ta' evalwazzjoni.

## 5. Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra sew dawn il-linji gwida u regolamenti.
2. Iċċekkja jekk l-idea proposta tiegħek tistax tiġi indirizzata permezz ta' dan il-programm.
3. Ikklikkja fuq din il-link li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk m'għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tikklikkja fuq 'Irreġistra issa' u timla' d-dettalji tiegħek. L-applikanti għandhom jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA tal-inqas ġimgħatejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online għall-programm li beħsiebek tapplika għalih.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass b'pass. Daħħal l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' appoġġ.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi rikonoxximent awtomatiku mis-sistema. Jekk ma tirċevix din in-notifika, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti għandhom jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA tal-inqas ġimgħatejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

F'każ ta' diffikultà, jew jekk għandek xi mistoqsijiet dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija fir-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif ġie spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, l-applikazzjoni tiegħek mhix se tiġi pproċessata u evalwata.

Qabel id-data tal-iskadenza, ir-rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti mhux se jkunu qed jiċċekkjaw il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek. Hija għad-diskrezzjoni totali tal-Kunsill Malti għall-Arti li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni mandatorji nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Malli l-applikazzjoni tiġi sottomessa, l-applikanti jaċċettaw li, f'każ li l-applikazzjoni tingħata finanzjament, l-isem, it-titlu tal-proġett, deskrizzjoni qasira tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Tittieħed deċiżjoni fuq il-finanzjament abbażi tal-informazzjoni sottomessa u d-dokumenti ta' appoġġ.

Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) fid-data rispettiva tal-iskadenza ma jistgħux jiġu aċċettati.

## 5.1. Checklist

Sabiex jitqiesu bħala kompleti, l-applikazzjonijiet għandhom ikollhom:

- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT li turi l-kodiċi NACE Rev. 2.1 applikabbli
- Bijografija tal-applikant / CV artistiku fil-profil tal-applikant
- Awdjoviżwali / portafoll li juru xogħol l-applikant kif inhu rilevanti għall-proposta (awdjoviżwali sa 5MB jistgħu jittellgħu direttament fil-formola tal-applikazzjoni. Fil-każ ta' fajls ikbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti bħala link.)
- Ittri ta' intenzjoni minn kollaboraturi, jekk japplikaw
- Ir-rekord tal-applikanti u tal-kollaboraturi. Dan jinkludi s-CV, il-portafolli artistiċi u dokumentazzjoni relatata
- Dikjarazzjoni *de minimis* mimlija u ffirmata (irreferi għat-Taqsima 9).

# 6. Il-Proċess ta' Evalwazzjoni

L-ewwel fażi ta' dan il-fond mhijiex kompetittiva; tiġi evalwata skont il-kriterji stabbiliti. L-ewwel ħamsa u għoxrin applikazzjoni eliġibbli li jirċievu erba' tweġibiet ta' 'Iva' jiġu aċċettati u jipparteċipaw f'dan il-fond.

Għaxar applikanti se jipparteċipaw fit-tieni fażi. Jintgħażlu f'sessjoni ta' shortlisting li tiġi evalwata minn panel ta' esperti abbażi tar-rapporti li ġew sottomessi fl-ewwel fażi u skont kriterji stabbiliti.

It-tielet fażi hija kompetittiva u tiġi evalwata minn panel ta' esperti rilevanti skont il-kriterji stabbiliti. Kif ġie speċifikat iktar 'il fuq, kull kriterja tiġi allokata marki speċifiċi. Sabiex jitqiesu għal finanzjament, il-proposti għall-finanzjament għandhom ikollhom medja ta' 60 marka jew iktar.

Minkejja dan, is-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-proposti sottomessi kif ukoll fuq id-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, dan ifisser li anke jekk il-proposta tal-proġett tiegħek ġabet 60 marka jew iktar, ma jfissirx li awtomatikament għaddiet għall-fażi li jmiss. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax it-total tal-fondi disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ f'termini tal-kriterji tal-programm.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni li jintgħażel mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi se jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet rilevanti li ngħataw.

## 6.1. Is-Sessjoni ta' Preżentazzjoni

It-tielet fażi se tinkludi sessjoni ta' preżentazzjoni live online fejn il-parteċipanti se jippreżentaw l-ideat tagħhom quddiem il-bord tal-evalwazzjoni. L-għan ta' din is-sessjoni ta' preżentazzjoni tal-ideat hu li l-applikanti jkollhom l-opportunità li jippromwovu l-proġetti tagħhom quddiem l-evalwaturi. L-evalwaturi u l-maniġer tal-fondi se jkunu diġà evalwaw l-applikazzjonijiet tal-proġetti qabel is-sessjoni ta' preżentazzjoni.

Matul din is-sessjoni online, l-applikant se jkollu l-opportunità li jippreżenta l-kummenti tiegħu/tagħha, informazzjoni ġdida kif ukoll se jkun jista' jżid mal-materjal li diġà ġie sottomess.

Il-preżentazzjoni tista' ssir f'varjetà ta' formats inkluż, iżda mhux limitati għal, għajnuniet viżwali, preżentazzjonijiet bil-PowerPoint, awdjo, eċċ.. Il-preżentazzjoni ma tridx taqbeż l-għaxar (10) minuti. Waqt il-preżentazzjoni, l-applikanti huma mistennija li jispjegaw il-viżjoni

tal-proġett u jikkomunikaw kif il-proġett se jiġi implimentat. Il-preżentazzjoni ta' għaxar minuti se tkun segwita minn sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet mal-panel tal-evalwaturi.

### 6.2. Kif tirċievi r-riżultati

In-notifika tar-riżultati se tintbagħat lill-parteċipanti mill-Kunsill Malti għall-Arti fid-data indikata fuq il-paġna 3. Flimkien ma' ittra ta' akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola ta' feedback li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni skont il-kriterji tal-programm.

L-ordni tal-klassifikazzjoni tal-proġetti skont il-marki allokati mill-evalwaturi se tiġi ppubblikata online. Se jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti li ntgħażlu. Fil-każ tal-proġetti li ma ngħataw l-ebda fondi, se jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar ir-riżultati tiegħek, għandek tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni ta' finanzjament tiegħek.

L-ebda informazzjoni fuq il-proċess tal-evalwazzjoni mhi se tiġi rilaxxata qabel ma toħroġ in-notifika uffiċjali tar-riżultat.

Kwalunkwe forma ta' solleċitazzjoni se twassal għal skwalifika awtomatika tal-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha riċevuta mid-Dipartiment tal-Fondi, mill-maniġer tal-fondi u mill-evalwaturi se titqies bħala kunfidenzjali kemm waqt il-proċess tal-evalwazzjoni kif ukoll wara. Il-ftehim tal-għotja ta' fondi se jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien ta' dejta u l-kunfidenzjalità għall-proġetti li għaddew.

## 7. Implimentazzjoni u monitoraġġ

Se jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-għotja ta' fondi.

Il-benefiċjarji tal-Fażi 1 se jiġu allokati €2,000 'l wieħed fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-iffirmar tal-ftehim.

Il-benefiċjarji ta' Fażi 2 se jipparteċipaw fi programm ta' bini tal-kapaċitajiet u programm ta' inkubazzjoni bl-appoġġ tal-KMA b'valur massimu sa €50,000 (sa €5,000 għal kull parteċipant).

Wara li tinħareġ in-notifika tar-riżultat tat-tielet fażi, jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond.

Il-benefiċjarji tat-tielet fażi se jirċievu l-pagament li se jikkonsisti minn 100% tal-ammont allokat mill-bord tal-evalwazzjoni għall-ewwel sena tal-għotja. Il-pagament se jiġi pproċessat fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta jiġi ffirmat il-ftehim. L-ammont allokat għat-tieni sena jiġi pproċessat mas-sottomissjoni u l-approvazzjoni tar-rapport ta' progress għall-ewwel sena, inklużi kontijiet iċċertifikati ffirmati minn awditur b'warrant. 70% tal-ammont li se jingħata għat-tielet sena jiġi pproċessat mas-sottomissjoni u l-approvazzjoni tar-rapport ta' progress għat-tieni sena, inklużi kontijiet iċċertifikati ffirmati minn awditur b'warrant. It-30% li jifdal jingħata wara s-sottomissjoni u l-approvazzjoni tar-rapport finali għat-tielet sena, inklużi kontijiet iċċertifikati ffirmati minn awditur b'warrant.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li ma jkomplix din il-kollaborazzjoni jekk iqis li l-finanzjament ġie użat b'mod ħażin, kien ineffettiv, jew il-proġett ma laħaqx ir-riżultati u l-għanijiet tiegħu.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo tal-Kunsill Malti għall-Arti fuq kull materjal relatat u għandhom jispeċifikaw li l-proġett sar bl-appoġġ tal-għotja ta' fondi, kif ġej: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti** kull materjal stampat u fuq kull materjal ta' marketing u relazzjonijiet pubbliċi. L-għotja riċevuta għandha tintuża biss għall-iskop li għalih ingħatat, skont il-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw il-Kunsill Malti għall-Arti immedjatament f'każ ta' bidliet li jseħħu tul l-implimentazzjoni tal-proġett li jaffettwaw in-natura tiegħu. Ma jistgħux isiru bidliet mingħajr approvazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew jissospendi l-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma titqiesx konformi mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma kienx infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji għandhom jaraw li jkunu disponibbli li jikkomunikaw ma' u jiltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti għal raġunijiet ta' monitoraġġ kemm waqt l-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll wara li jitlesta.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt ukoll li jirrevedi l-pagamenti jekk in-nefqa totali tkun inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1. Ir-Rapport

Fi tmiem ta' kull sena ta' finanzjament, se tiġi mitlub tissottometti rapport dettaljat li juri x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett. Dan ir-rapport irid jintbagħat sa mhux iktar tard minn tmien (8) ġimgħat wara t-tmiem tal-proġett annwali tiegħek. Il-Kunsill Malti għall-Arti jipprovdilek mudell għar-rapporti tiegħek. Flimkien ma' dan ir-rapport, jekk rilevanti, il-benefiċjarji għandhom jissottomettu kopji ta' kwalunkwe materjal rilevanti ta' marketing, pubbliċità jew

informazzjoni li ġie żviluppat għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jintalbu jipprovdu wkoll evidenza tal-proċess tar-riċerka li jinkludi dokumentazzjoni viżwali (tal-inqas għandhom jiġu sottomessi 5 immaġnijiet ta' riżoluzzjoni għolja), bloggs u dokumentazzjoni oħra.

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu tqassim finali dettaljat u ċċertifikat tal-baġit. Il-baġit għandu jitħejja f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli, irid jimxi ma' dawn il-linji gwida u regolamenti, u jrid jiġi ċċertifikat minn awditur b'warrant.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jitlob lill-benefiċjarju jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew irċevuti fiskali biex isostni l-baġit dettaljat u ċċertifikat.

Fi tmiem tal-ewwel u t-tieni sena se tintalab tissottometti rapport tal-progress.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li juża l-materjal tal-proġett li ġie sottomess.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirkupra l-fondi jekk dawn mhumiex qed jintużaw, u/jew mhux qed jintużaw sew, u/jew mhux qed jintużaw skont il-baġit li ġie sottomess.

# 8. Il-Proċedura ta' lmenti

F'każ li persuna tressaq ilment, dan mhuwiex se jaffettwa l-possibbiltà tagħha li tirċievi appoġġ mill-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. L-ilmenti kollha jiġu ttrattati b'kunfidenzjalità.

## 8.1. Raġunijiet għal ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet proċedurali tul il-proċess tas-sottomissjoni u l-evalwazzjoni f'termini tal-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall Arti jew tal-Gvern.
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti rigward il-proġett tagħhom.

## 8.2. Kif tressaq ilment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu l-iktar ċari possibbli. L-ilment għandu jistqarr ir-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat filwaqt li jipprovdi spjegazzjoni u ġustifikazzjoni dettaljati, sostnuti b'dokumentazzjoni jew testimonjanzi rilevanti dwar ir-raġunijiet għaliex l-ilmentatur iqis li seħħew irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti, jew f'regoli u regolamenti standard ta' governanza tajba li jiggovernaw is-settur

pubbliku. Id-deċiżjoni li tittieħed fi tmiem il-proċess tal-ilmenti tkun waħda finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur/Direttriċi tal-Fondi u tal-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti sa ħamest (5) ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni tiegħek dwar il-finanzjament. Normalment, tirċievi risposta għall-ilment tiegħek fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol.

F'każ li ma tkunx sodisfatt/a bit-tweġiba li ngħatajt, il-Kunsill Malti għall-Arti jlaqqa' bord li jkompli jiddiskuti l-ilment tiegħek. Jekk tuża l-proċedura tagħna tal-ilmenti, inti qed taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nindirizzaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

## 9. L-Applikabbiltà tar-Regoli ta' Għajnuna mill-Istat

L-iskema dwar l-Għajnuna mill-Istat se tiġi implimentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis*.

Dan ir-regolament japplika għal għajnuna mogħtija lil impriżi fis-setturi kollha, ħlief għal:

1. għajnuna mogħtija lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura
2. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew li jitqiegħdu fis-suq
3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli
4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli f'wieħed minn dawn il-każijiet:
    a. fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew il-kwantità ta' tali prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew li jitqiegħdu fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
    b. fejn l-għajnuna hi a kundizzjoni li tingħadda parzjalment jew totalment lill-produtturi primarji;
5. għajnuna mogħtija lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati, l-istabbiliment u l-operat ta' netwerk ta' tqassim jew għal infiq ieħor kurrenti marbut mal-attività tal-esportazzjoni;
6. għajnuna f'każ tal-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi fuq oġġetti u servizzi importati.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża unika m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu jiġi evalwat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jinkludi kull għajnuna mogħtija mill-Istat taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat implimentata f'konformità mar-regola *de minimis*, inkluż għajnuna mogħtija minn kwalunkwe entità oħra għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* li tiġi riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit ikollha tiġi rkuprata b'imgħax mill-impriża li qed tirċievi l-għajnuna.

Għandhom jiġu rispettati r-regoli dwar l-akkumulu ta' għajnuna kif deskritt fl-Artikolu 5 tar-regolament *de minimis*.

L-applikanti għandhom jissottomettu dikjarazzjoni *de minimis* li tiddikjara kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li rċevew u/jew li applikaw għaliha fit-tliet snin preċedenti. Din se tiżgura li l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża unika skont ir-regola *de minimis* mhux se jaqbeż il-limitu *de minimis* fuq il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

F'każ li applikant li jkun ntgħażel ma jkunx eliġibbli li jirċievi għajnuna *de minimis*, dak l-applikant se jitqies bħala mhux eliġibbli u l-applikant ikklassifikat fil-post li jmiss se jingħata l-għajnuna.

F'konformità mar-regolament *de minimis*, rekords li jirrigwardjaw l-għajnuna *de minimis* se jinżammu għal 10 snin mid-data minn meta ngħatat l-għajnuna taħt il-programm.

### Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-regolament *de minimis*, mill-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija taħt dan il-programm se ssir disponibbli għall-pubbliku f'reġistru ċentrali.

Din l-informazzjoni se tkun disponibbli għall-pubbliku:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju
- l-ammont tal-għajnuna
- id-data ta' meta ngħatat l-għajnuna
- l-istrument tal-għajnuna, u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('il-klassifikazzjoni NACE').

## Għandek bżonn parir?

Il-KMA joffri servizzi ta' konsultazzjoni ta' qabel is-sottomissjoni sabiex jgħinek issib għajnuna għall-proġett tiegħek. Aħna lesti ngħinuk f'kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddetermina jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex konformi mal-mekkaniżu ta' appoġġ immirat, u nipprovdu feedback dwar kif qed tippjana li tippreżenta l-

proġett tiegħek. Ippjana minn qabel u kkuntattjana tal-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza tas-sottomissjoni sabiex tagħmel l-aħjar użu mis-servizzi tagħna.

Nistednuk iċċemplilna fuq 2334 7230 bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00. Tista' wkoll tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Il-linji gwida ġew aġġornati fl-24 ta' Ottubru 2025**